b) F'dan ir-rigward, huwa neċessarju li kull darba jiġu mistħarrġa kompletament il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni kkonċernati, billi jiġu vverifikati kemm iż-żona ta' spazju personali għal kull persuna detenuta kif ukoll il-kundizzjonijiet l-oħra ta' detenzjoni? Għandhom jiġu evalwati l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni hekk kif ivverifikati fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti EDB tat-30 ta' Ottubru 2016 (Muršić vs Il-Kroazja, Nru 7334/13)?

3) Jekk, skont ir-risposta għat-tieni domanda, għandu jkun rrikonoxxut li l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni għandhom l-obbligu li jistħarrġu iċ-ċentri ta' detenzjoni kollha:

a) l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni jistgħu ma jwettqux stħarriġ tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni ta' kull ċentru ta' detenzjoni inkwistjoni billi jqisu li l-Istat Membru emittenti ta assigurazzjoni ġenerali li ma hemmx riskju li l-persuna taħt prosekuzzjoni tkun suġġetta għal trattament inuman jew degradanti?

b) jew, minflok ma jistħarrġu l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni ta' kull ċentru ta' detenzjoni inkwistjoni, l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni jistgħu jqisu l-estradizzjoni ammissibbli bil-kundizzjoni li l-persuna taħt prosekuzzjoni ma tkunx suġġetta għal tali trattament?

4) Jekk, skont ir-risposta għat-tielet domanda, l-assigurazzjonijiet mogħtija jew il-kundizzjonijiet stabbiliti ma jkunux jistgħu jeżentaw lill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni milli jistħarrġu il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni ta' kull ċentru ta' detenzjoni inkwistjoni fl-Istat Membru emittenti:

a) l-obbligu tal-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni li jistħarrġu l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni jestendi għaċ-ċentri ta' detenzjoni kollha inkwistjoni meta l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat Membru emittenti jindikaw li t-tul tad-detenzjoni tal-persuna taħt prosekuzzjoni mhux ser ikun itwal minn tliet ġimgħat, bla ħsara għall-okkorrenza ta' ċirkustanzi li jipprekludu dan?

b) Dan japplika wkoll meta l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni ma jaslux sabiex jiddeterminaw jekk dawn l-indikazzjonijiet ingħatawx mill-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti jew jekk humiex ġejjin minn waħda mill-awtoritajiet ċentrali tal-Istat Membru emittenti li aġixxew fuq it-talba għal assistenza tal-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti?

---

([1]) Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45).
Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 li temenda d-Deċiżjonijiet Kwadru 2002/584/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI u 2008/947/ĠAI, u b'hekk issaħħaħ id-drittijiet proċedurali ta' persuni, li trawwem l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' deċiżjonijiet mogħtija fl-assenza tal-persuna konċernata fil-kawża (ĠU 2009, L 81, p. 24).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija) fit-28 ta' Marzu 2018 – VIPA Kereskedelmi és Szolgáltató Kft. vs Országos Gyógyszerészeti és Élelmezés-egészségügyi Intézet**

**(Kawża C-222/18)**

(2018/C 221/10)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* VIPA Kereskedelmi és Szolgáltató Kft.

*Konvenut:* Országos Gyógyszerészeti és Élelmezés-egészségügyi Intézet

**Domanda preliminari**

L-Artikoli 3(k) u 11(1) tad-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali ([1]), għandhom jiġu interpretati fis-sens li hija kuntrarja għall-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku tar-riċetti tat-tabib u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, u għaldaqstant inkompatibbli ma' dan il-prinċipju u din il-libertà, leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-riċetti mediċi jinqasmu f'żewġ kategoriji u hija biss waħda minn dawn iż-żewġ kategoriji ta' riċetti tat-tabib li tippermetti l-għoti ta' prodott mediċinali lil tabib li jeżerċita l-attività tiegħu fil-qasam ta' kura tas-saħħa fi Stat differenti mill-Istat Membru inkwistjoni?

([1]) ĠU 2011, L 88, p. 45.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Oldenburg (il-Ġermanja) fit-3 ta' April 2018 – Proċedura dwar multa fil-konfront ta' NK**

**(Kawża C-231/18)**

(2018/C 221/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberlandesgericht Oldenburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

NK

*Partijiet oħra:* Staatsanwaltschaft Oldenburg, Staatliches Gewerbeaufsichtsamt Oldenburg

**Domandi preliminari**

1) Negozjant tal-bhejjem bl-ingrossa, li jixtri annimali ħajjin mingħand bidwi u li jittrasportahom lejn biċċerija u jbigħhom lil din il-biċċerija li tinsab iktar minn 100 km 'il bogħod, jista' jagħmel użu mill-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 13(1)(p) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 561/2006 ([1])) – "vetturi wżati għat-trasport ta' annimali ħajjin mill-irziezet lejn is-swieq lokali u viċi-versa jew mis-swieq lejn il-biċċeriji lokali f'distanza ta' mhux aktar minn 100 km" – minħabba li x-xiri minn bidwi jikkostitwixxi "suq" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni jew minħabba li l-impriża tal-kummerċ tal-bhejjem għandha titqies li hija "suq"?

   Fil-każ li dan ma huwiex "suq" fis-sens tat-tifsira ta' din id-dispożizzjoni:

2) In-negozjant tal-bhejjem bl-ingrossa, li jixtri annimali ħajjin mingħand bidwi u li jittrasportahom lejn biċċerija u jbigħhom lil din il-biċċerija li tinsab f'distanza ta' mhux iktar minn 100 km, jista' jinvoka l-applikazzjoni *mutatis mutandis* ta' din l-eċċezzjoni?

([1]) Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU 2006, L 102, p. 1, rettifika fil-ĠU 2016, L 195, p. 83).